31986L0530

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tat-28 t'Ottubru 1986

li temenda l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE li jirrigwarda ċerti prodotti użati fl-alimentazzjoni ta' l-annimali

(86/530/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 li tirrigwarda ċertu prodotti użati fl-alimentazzjoni ta' l-annimali [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 85/509/KEE [2], u partikolarment l-Artikolu 6 tagħha,

Billi d-Direttiva 82/471/KEE tipprovdi għall-emendament regolari fil-kontenut ta' l-Anness tagħha bħala riżultat ta' l-iżviluppi fit-tagħrif xjentifiku u tekniku;

Billi l-istudju ta' tliet prodotti ġodda li jappartjenu għal gruppi ta' proteini, ta' komposti nitroġeni mhux proteiċi u ta' aminoaċidi wera li dawn il-prodotti jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 82/471/KEE; billi l-użu ta' dawn il-prodotti fl-alimentazzjoni ta' l-annimali għandu, għaldaqstant, ikun permess taħt ċertu kondizzjonijiet;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi malparir tal-Kumitat Permanenti ta' l-Alimentazjoni ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 82/471/KEE qed jiġi emendat kif muri fl-Anness ta' hawnhekk.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, irregolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-Artikolu 1 mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 1988. Għandhom mill-ewwel jgħarrfu b'dan lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ottubru 1986.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Viċi-President

[1] ĠU Nru L 213, tal-21. 7. 1982, pġ. 8.
[2] ĠU Nru L 314, tat-22. 11. 1985, pġ. 25.

ANNESS

1. Skond grupp 1.1 "Batter'", il-grupp tal-prodotti u l-prodotti li ġejjin

'1	2	3	4	5	6	7
Isem il-grupp tal-prodotti	Isem il-prodott	It-titolu tal- prinċipju nutrittiv jew identità tal-mikro-organiżmu	Substrat ta'koltivazzjoni, (speċifikazzjonijiet, jekk hemm)	Karatteristiċi ta' komposizzjoni tal-prodotti	Speċi ta' l-annimal	Disposizzjonijiet speċjali
1.1.1. Batteri kultivati fuq il-metanol	1.1.1.1. Prodott proteiku ta' fermentazzjoni miġjub mill-koltivazzjoni ta' Methylophilus methylotrophus fuq metanol methanol	Methylophilus methylotrophus ĊIPP 10.515	Metanol	— Proteina, mhix raffinata, 68 % min. — Indiċi ta' riflessjoni mill-inqas 50	— Ħnieżer — Għoġġiela — Tjur — Ħut	Dikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew l-ippakkjar tal-prodott: — isem tal-prodott; — proteina greżġ, — irmied greżġ, — xaħam greżġ, — umdità, — istruzzjonijiet għall-użu, — Id-dikjarazzjoni tal-kliem 'Evita l-inalazzjoni' Dikjarazzjoni li għandha ssir fuq it-tikketta jew l-ippakkjar ta' alimenti komposti: — l-ammont tal-prodott kontenut fl-alimenti'

2. Fil-grupp 2.2 "Mluħ ta' l-ammonju", jiżdied il-prodott li ġej:

"1	2	3	4	5	6	7
Isem il-grupp tal-prodotti	Isem il-prodott	Titolu tal-prinċipju nutrittiv jew identità tal-mikro-organiżmu	Substrat ta' koltivazzjoni (speċifikazzjonijiet, jekk hemm)	karatteristiċi ta' komposizzjoni tal-prodott	Speċi ta' l-annimali	Disposizzjonijiet speċjali
	2.2.2 L-aċetat ta' l-ammonju f'soluzzjoni ta' l-ilma	CH_3COONH_4	—	Aċetat ta' l-ammonju min. 55 %	Ruminanti, mill-bidu tar-ruminazzjoni	Dikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew fuq l-ippakkjar tal-prodott: — il-kliem: Aċetat ta' l-Ammonju, — in-nitroġenu u l-kontenituri ta' l-umdità, — Speċi jew kategoriji ta' l-annimali. Dikjarazzjonijiet li għandhom isiru fuq it-tikketta jew l-ippakkjar ta'l-alimenti komposti: — il-kliem: L-aċetat ta' l-ammonju: — l-ammont tal-prodott kontenut fl-alimenti — perċentwali tal-proteina kollha greżġa provduta minn nitroġenu mhux proteiku, — indikazzjoni fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-livell tan-nitroġenu kollu mhux proteiku li ma għandux jinqabeż firrazzjoni ta' kuljum ta' kull speċi jew kategorija.'

3. **text missing**

"1	2	3	4	5	6	7
Isem il-grupp tal-prodotti	Isem il-prodott	Titolu tal-prinċipju nutrittiv jew identità tal-mikro-organiżmu	Substrat ta' koltivazzjoni (speċifikazzjonijiet, jekk hemm)	karatteristiċi ta' komposizzjoni tal-prodotti	Speċi ta' l-annimal	Disposizzjonijiet speċjali
	3.9 Metjionin-zingu, teknikament pur	$[(CH_3S(CH_2)_2\text{-}CH(NH_2)\text{-}COO_2]Zn$	—	DL-methionine: 60 %min. Zn: 18,5 % mass.	Ruminanti, mill-bidu tar-ruminazzjoni	Dikjarazzjonijiet tat-tikketta jew l-ippakkjar tal-prodott: — il-kliem 'metjonin-żingu', — il-kontenut ta' DL-methionine, — il-kontenut ta' l-umdità, — Speċi jew kategorija ta' l-annimali."